*-Dritti fundamentali tad-dgawdija tal-proprjeta`  – jappartjeni għall-persuna u mhux għall-proprjeta`*

*u għalhekk ma jiġux trasferiti magħha; f'dan il-każ  b'titolu ta' donazzjoni.*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 2 ta' Dicembru 2021.**

**Rikors Nru. 79/2020 GM**

**Maria Gialanze` (ID Nru. 527436M)),**

**u b'digriet tal-24 ta' Ġunju 2021 Erika Gialanze` (ID Nru. 412573M) assumiet l-atti tal-kawża minflok ommha Maria Gianlanze`, stante donazzjoni.** [*kliem miżjuda fl-occhio b'digriet tat-30 ta' Marzu 2022 mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali*]

**vs**

**(1) Carmen u Georgette Mizzi,**
**(2) L-Avukat tal-Istat,**
**(3) L-Awtorita' tad-Djar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Maria Gialanze' ID Nru. 527436 (M) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

> Hija proprjetarja tal-appartament numru 88, Block E, 'Marshall Court', Victory Street, Gzira.

L-appartament surreferit kien ġie rekwiżizzjonat, flimkien mal-bqija tal-appartamenti li jikkostitwixxu 'Marshall Court' mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali.

Konsegwentement għal tali rekwiżizzjoni l-appartament ġie mogħti b'titolu ta' kera lill-intimati Mizzi u/jew lill-awturi tagħhom u dana versu l-kera stipulata mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali b'tali mod li llum l-appartament jinsab okkupat mill-istess intimati Mizzi versu l-kera annwali ta' mitejn u tmienja u tletin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmi (€238.64).

L-awturi tar-rikorrenti kienu ikkontestaw tali ordni ta' rekwiżizzjoni permezz ta' rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'Kurunell Roger Strickland et. v. Salvino Bugeja' li sar a tenur tal-art. 8 tal-Att dwar id-Djar (Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta) liema rikors madanakollu ġie miċħud permezz tad-deċiżjoni datata tletin (30) ta' Ġunju, elf disgħa mija u tmenin (1980).

L-appartament surreferit ġie sussegwentement derekwiżizzjonat permezz tal-ordni ta' de-rekwiżizzjoni relattiva.

L-appartament illum għadu jinsab okkupat b'titolu ta' kera skont il-liġi mill-intimati Mizzi bħala r-residenza tagħhom u dan bi preġudizzju serju li kien u għadu qed jiġi soffert mir-rikorrenti.

Kjarament il-kumpens surreferit mhux wieħed li jirrifletti l-valur tal-fond fuq is-suq illum billi dan il-fond fuq is-suq ħieles jista' jġib kera ferm aħjar minn dik surreferita.

Inoltre huwa ċar ukoll li r-rikorrenti kienet u għadha qiegħda ġġorr piż sproporzjonat bħala effett ta' dak surreferit anke għaliex is-surreferit jirrigwardja diversi appartamenti proprjeta' tagħha fl-istess bini magħruf bħala 'Marshall Court'.

Għar-ragunijiet kollha mogħtija jirriżulta ċar li ġew u għadhom qegħdin jiġu vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-propjeta' tagħha bl-ordni ta' rekwiżizzjoni u l-konsegwenti teħid fuq imsemmi oltre mill-konsegwenti kontinwata okkupazzjoni da parti tal-intimati Mizzi tal-appartament ‘de quo’ u dana kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara li bil-fatti hawn esposti ġew u għadhom qegħdin jiġu vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għall-proprjeta' tagħha kif protetti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-

Konvenzjoni Ewropea u kif ukoll mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament, u konsegwentement.

(ii) Tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi nkluż jekk ikun hemm il-ħtieġa li jiġu dikjarati nulli jew inapplikabbli fil-każ in eżami l-effetti kollha tal-ordni ta' rekwiżizzjoni, li tiddikjara r-rilaxx tal-fond surreferit u tordna 1-iżgumbrament tal-intimati Mizzi mill-appartament inkwistjoni u/jew billi tillikwida dak il-kumpens jew 'just satisfaction' dovut lill-esponenti dan b'riżerva għal-likwidazzjoni fl-istadju opportun tad-danni sofferti minnhom bħala konsegwenza tal-fatti kollha surreferit jekk ikun il-każ u tagħti kull ordni u rimedju ieħor xieraq jew opportun biex tiġi spurġata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom hawn lamentata.

Rat ir-Risposta tal-Awtorita tad-Djar li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. It-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Hekk ukoll biex jissokta b’din il-kawża r-rikorrent teħtieġ turi li l-imħarrkin Anthony u Emmanuela k/a Lilian Aquilina tabilħaqq jgawdu minn kirja li tiġġedded skont il-**Kap 69 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

3. L-attriċi ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji tagħha qabel ma bdiet din il-proċedura li suppost hi waħda speċjali għalhekk il-kawża ma tistax treġi.

4. L-attriċi trid tipprova t-titolu tagħha għall-proprjeta’ mertu tal-kawża; trid tipprova wkoll li ma hemmx sidien oħra.

5. Meta l-attriċi akkwistat il-proprjeta` mertu ta’ din il-kawża hi kienet taf li l-proprjeta mertu tal-kawża kienet rekwiżizzjonata taħt R/O 243534 maħruġa fit-tmienja ta’ Awissu tas-sena 1973 – in vista ta’ dan l-għarfien ma tistax issa tikkontendi li minħabba f’ din l-Ordni d-dritt fundamentali tagħha għall-proprjeta` kien qed jiġi leż.

6. Il-ksur ta’ dritt fundamentali hu personali għal min ikun qed jissubixxi tali ksur u għalhekk sakemm il-proprjeta` mertu tal-kawża ma kenitx tal-attriċi ma seta’ kien hemm ebda leżjoni fil-konfront tagħha. Ukoll drittijiet fundamentali huma extra commercium u b’ hekk

ma jiġux trasferiti la inter vivos u la causa mortis. La l-awturi tal-attriċi ma aġġixxewx dwar tali allegat ksur ta' drittijiet fundamentali, ma tistax issa taġixxi l-attriċi minflokom jew għalihom jew għaż-żmien meta l-fond ma kienx tagħha;

7. L-attriċi għandha tippreżenta kull att jew dokument li permezz tiegħu hi allegatament saret sid tal-proprjeta' mertu tal-kawża.

8. Bla ħsara għall-premess safejn ir-rikorrent qiegħed jattakka d-dispożizzjonijiet tal-**Kap 16** u **69 tal-Liġijiet ta' Malta** mil-lenti tal-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, l-esponent iwieġeb li skont il-*proviso* ta' dan l-artikolu partikolari l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali;

9. Il-**Kap 16** u **69 tal-Liġijiet ta' Malta** għandhom: (i) għan leġittimu għax joħorġu mil-liġi; (ii) huma fl-interess ġenerali għax huma maħsuba biex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar tal-abitazzjoni tagħhom; u (iii) jżommu bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-kerrej u tal-poplu b'mod ġenerali;

10. Il-ħrug Ordni ta' Rekwiżizzjoni mhijiex per se leżiva ta' dritt fundamentali tal-proprjeta u hi permessa bil-liġi basta li l-kumpens imħallas ikun proporzjonat. Issa f' dan il-każ jingħad li l-attriċi u l-awturi tagħha kienu qed jaċċettaw il-kera li kienet qed titħallas u l-attriċi kienet taf sewwa kemm kienet dik il-kera. Minkejja dan hi ħasset li kien xorta tajjeb għaliha li takkwistaw dik il-proprjeta'.

11. Illum il-kera li qed titħallas hi ta' €238.64 fis-sena. U jingħad li l-kera li kienet qed titħallas oriġinarjament meta kienet saret l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet kompaċenti mal-kirjiet li kienu viġenti dak iż-żmien. Dan l-ammont kien jitħallas direttament lis-sid u għalhekk inħolqot relazzjoni ta' kera bejn is-sid u l-inkwilin. Għal din ir-relazzjoni l-Awtorita' tad-Djar hi aljena.

12. Intant il-fond 88, Block E, Marshall Court, Victory Str., Gzira ġie de-rekwiżizzjonat fis-27 ta' Mejju tas-sena 2003 wara li fit-21 ta' Ottubru

2002 l-attriċi bagħtet ittra fejn talbet li tinħareġ tali de-rekwiżizzjoni. Għalhekk l-istess Awtorita` tad-Djar ma għandha ebda setgħa fattwali jew legali fuq l-imsemmi fond. U żgur minn dakinhar l-hawn l-istess Awtorita' ma tistax tiġi meqjusa bħala responsabbli ta' xi ksur ta' dritt fundamentali. Possibilment kieku l-attriċi kienet interessata u talbet id-derekwiżizzjoni qabel, il-fond kien jiġi derekwiżizzjonat anke qabel l-2003.

13. Intant ukoll l-attriċi aċċettat il-kera minn għand l-inkwilini biex b' hekk inħoloq kuntratt ta' kera bejn il-partijiet. In vista ta' dan, il-vertenza odjerna hi wahda ta' dritt ċivili bejn il-partijiet kontraenti u l-Awtorita` tad-Djar ma għandhiex locus standi.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament, skont l-artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u konsegwentement għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;[1]

2. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

a. Ir-rikorrenti għandha ġġib prova ċara li hija l-proprjetarja tal-fond in kwistjoni;

b. Ir-rikorrenti għandha tindika eżattament id-disposizzjoni tal-liġi rilevanti li fil-fehma tagħha qed tiksrilha d-drittijiet fundamentali tagħha;

c. Peress li r-rikorrenti qed tinvoka l-protezzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-esponent qed jeċċepixxi l-improponibilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan peress li dan l-artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjetà. Sabiex wieħed jista' jitkellem dwar teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita jew spussessata minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà. Huwa evidenti li fil-każ preżenti, tali żvestiment ma sarx u r-rikorrenti ma tilfitx għal kollox il-jeddijiet tagħha

[1] ara Margaret Galea et vs L-Awtorità tad-Djar; L-Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' April 2015; u Louis Apap Bologna vs Calcidon Ciantar; L-Awtorità tad-Djar; L-Avukat Ġenerali, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 2011 u mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Frar 2012;

fuq il-fond in kwistjoni u għalhekk dan il-każ ma jammontax għal deprivazzjoni totali tal-proprjetà. L-Istat ħa miżura li tinkwadra ruħha taħt kontroll ta' użu fejn irregolarizza sitwazzjoni ta' natura soċjali fl-ambitu tal-ġid komuni b'dana però li jibqgħu mpreġudikati d-drittijet tas-sidien. Fid-dawl ta' dan kollu, l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax ruħu fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u għandu jiġi miċħud;

d. Il-ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni (id-dettalji ta' tali ordni ma ġewx imnizzla fir-rikors promotur) u l-allokazzjoni tal-fond in kwistjoni sar skont il-liġi u ma jivvjolax id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

e. Illi ma hemm xejn illegali jew li jikser id-drittijiet fundamentali fil-ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni. L-ordni ta' rekwiżizzjoni jinħareġ sabiex il-fond rekwiżizzjonat jiġi mogħti, kontra ħlas ta' kumpens, lil min ikun fi ħtieġa ta' akkomodazzjoni soċjali. L-ordni ta' rekwiżizzjoni taħt l-Att tad-Djar jikkostitwixxi biss miżura ta' kontroll ta' użu tal-proprjetà fil-forma ta' detenzjoni temporanja ta' dik il-proprjetà fl-interess pubbliku;

f. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrileva li skont il-*proviso* tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. Anki skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu, l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġu ndirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali;

g. Ir-rikorrenti ma jidhirx li qatt ikkontestat l-ammont ta' kera li kienet tirċievi;

h. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, *in ogni caso*, il-kumpens xieraq għall-privazzjoni tal-proprjetà ma għandux ikun il-valur kummerċjali tal-kera tal-fond;

i. Illi ġaladarba l-ordni ta' rekwiżizzjoni tneħħiet, l-Istat ma għandu ebda setgħa oħra fuq il-fond jew fuq l-okkupanti tiegħu;

Rat ir-Risposta tal-intimati Carmen Mizzi, (K.I. 473650M) u Georgette Mizzi (K.I. 316578M) li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Huwa minnu li l-intimata Carmen Mizzi flimkien ma' bintha Georgette Mizzi tiddetjeni l-fond *de quo* u ċioe' 88 Block E, Marshall Court, Triq ir-Rebħa, Gżira bil-kera annwali ta' mitejn tnejn u tletin ewro erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€232.74);

2. It-talbiet tar-rikors promotur, in kwantu huma diretti kontra l-eċċipjenti, għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti billi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma qegħdin igawdu l-fond in kwistjoni b'titolu validu ta' kera u t-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħu qatt jiġu akkolti fil-konfront tal-eċċipjenti;

3. Stante li din hija materja ta' idole kostituzzjonali, l-eċċipjenti jagħmlu tagħhom kwalunkwe eċċezzjoni li talvolta tista' tingħata mill-konvenuti l-oħra *nomine*.

4. Mingħajr preġudizzju għall-premess, l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta indikat mir-rikorrenti mhuwiex applikabbli stante illi l-kirja *de quo* hija mħarsa bil-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, li hija Liġi protetta bl-Artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni, stante illi kienet ġja eżistenti qabel it-3 ta' Marzu 1962.

5. Konsegwentament, l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jiġi invokat fil-każ tal-kirja *de quo* stante li l-kirja hija waħda protetta taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Inoltre, in kwantu għall-fatt li t-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), jiġi rilevat li ma hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu stante illi l-Liġijiet li jirregolaw il-kirja *de quo* ma jipprevedux id-deprivazzjoni totali tal-proprjeta', iżda *se mai,* jirrigwardaw il-kontroll jew limitazzjoni tal-użu ta' proprjeta'.

7. L-esponenti qegħdin igawdu d-drittijiet tagħhom fuq il-proprjeta' *de quo* b'titolu ta' lokazzjoni kif permessi skont il-Liġi u fl-ammont ta' kera kif stabbilita' taħt il-Liġijiet tal-Kera u għalhekk mhux qed jippreġudikaw d-drittijiet tar-rikorrenti. Oltre dan, permezz tal-Artikolu 1531C tal-Kodiċi Ċivili nħoloq mekkaniżmu ta' awment fil-kera li permezz tiegħu l-kera tizdied kull tliet snin b'mod proporzjonali għall-mod li biħ ikun żdied l-indiċi ta' inflazzjoni.

8. Fir-rigward tar-rikorrenti li l-ammont ta' kera ma jirriflettiex il-valur tas-suq, f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn l-Istat igawdi marġini wiesa' ta' apprezzament fl-interess ġenerali ma jistax isir paragun mal-valur tal-proprjeta' fis-suq ħieles kif pretiz mir-rikorrent. Kif huwa risaput, l-Istat għandu l-jedd li jgħaddi dawk il-Liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta' fl-interess ġenerali u sabiex il-Gvern

iwettaq il-politika soċjali u ekonomika tiegħu fil-qasam tal-akkomodazzjoni. L-ilment tar-rikorrenti li huma qegħdin iġorru piż sproporzjonat minħabba li l-ammont ta' kera li qed jirċievu ma jirriflettix il-valur reali tal-fond inkwistjoni, ma jistax jiġi msewwi bi tneħħija tal-Liġi jew bl-iżgumbrament tal-esponenti. Il-ħtieġa u leġittimita' tal-Kapitolu 69 ma jistgħux jiġu newtralizzati u reżi inapplikabbli bl-iżgumbrament tal-esponenti.

9. Konsegwentement, l-esponenti ma għandhomx jiġu żgumbrati mill-fond *de quo* u lanqas ma għandhom jiġu preġudikati finanzjarjament billi huma ma kissru ebda Liġi iżda sempliċiment avallaw ruħhom minn Liġi li għadha fis-seħħ. In oltre l-esponenti m'għandhiex mezzi suffiċjenti sabiex isib akkomodazzjoni alternattiva xierqa u ilha tgħix f'dan il-fond sa minn meta bdiet il-kirja favur il-ġenituri tagħha.

10. Meta r-rikkorrent akkwista l-proprjeta' in kwistjoni l-kirja favur l-esponenti ġia' kienet fis-seħħ u għalhekk r-rikorrenti kien ben konxju tal-protezzjoni mogħtija taħt il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta lill-inkwilina u għaldaqstant ma kien hemm l-ebda intervent leġislattiv li ma kienx edott minnu.

Rat illi b'att ta' donazzjoni tal-4 ta' Ġunju 2021 ir-rikorrenti ttrasferiet b'titlu ta' donazzjoni l-fond mertu ta' din il-kawża lil bintha Erica Gialanze` li assumiet l-atti ta' din il-kawża.

Rat l-atti l-oħrajn kollha tal-proċess.

Ikkunsidrat:

Għall-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li mhux leġittimu kontradittur, twieġeb l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha **Margaret Galea v. L-Awtorita` tad-Djar** mogħtija fit-12 ta' Frar 2016 – u ċċitata korrettement mir-rikorrenti fin-nota ta sottomissjonijiet tagħha - fis-sens li sakemm inħarġet l-ordni ta' de-rekwiżizzjoni twieġeb l-imsemmija Awtorita` stante li l-fond kien għadu fil-pussess tagħha, u wara jwieġeb l-Avukat tal-Istat stante li f'dan l-

istadju kienet tosta l-applikazzjoni tal-Kap 158. Din l-eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi miċħuda.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[2], l-Awtorita` tad-Djar sostniet li d-drittijiet umani la jistgħu jiġu ttrasferiti *causa mortis* u wisq inqas *inter vivos*. In sostenn ta' din l-asserzjoni tagħhom, iċċitaw żewġ sentenzi ta' din il-Qorti; waħda kif issa ppreseduta[3] u l-oħra ppreseduta minn imħallef ieħor[4], li f'kawża kostituzzjonali ma tawx kumpens għal telfien ta' tgawdija ta' proprjeta` qabel ma din intirtet mill-ilmentaturi. Isostnu li jekk id-drittijiet umani ma jistgħux jiġu ttrasferiti *causa mortis*, wisq inqas jistgħu jiġu ttrasferiti permezz ta' donazzjoni.

Il-Qorti mhix sejra tidħol fil-kwistjoni ta' suċċessibilita` kawża mortis o meno ta' jeddijiet umani għaliex din ma tiffurmax parti mill-kweżit dwar it-trasferibilita` o meno tagħhom permezz ta' donazzjoni. Biżżejjed jingħad għall-fini ta' din il-kawża li d-drittijiet umani huma kkunsidrati inerenti għall-persuna umana. Min-natura tagħhom huma marbutin mal-persuna tal-vittma. Huma drittijiet personali, u mhux drittijiet *in rem*. Anke fil-każ li dritt fundamentali jikkonsisti fil-vjolazzjoni tat-tgawdija tal-proprjeta`, u l-vittma tkun intitolata għal kumpens, dak il-kumpens huwa marbut mal-persuna tal-vittma u mhux mal-proprjeta`. Jekk il-proprjeta` tiġi ttrasferita lil terza persuna, kemm b'titlu gratuwitu kif ukoll b'titlu oneruż, id-dritt tal-kumpens ma jistax jiġi ttrasferit flimkien mal-proprjeta`. Għalhekk id-drittijiet li jista' jkollha Maria Gialanze bħala titolari tal-fond *de quo* ma ġewx trasferiti favur bintha permezz tal-att tad-donazzjoni. Dan minkejja li l-fond *de quo* ġie ttrasferit "with all its litigious rights and obligations".

B'danakollu Erika Gialanze` għandha dritt tallega li status ta' vittma mid-data tal-akkwist 'il quddiem, in kwantu hija sid ta' post mikri lill-intimati b'kera

[2] ara para 16 et seq
[3] Doreen Grima v Awtorita` tad-Djar 03.12.2020
[4] Erika Gollcher v L-Avukat tal-Istat 22.06.2021 – Onor. Imħallef Franco Depasquale

kkontrollat mil-liġi. Għalhekk huma applikabbli l-liġijiet tal-kera viġenti fid-data tal-akkwist u ċjoe` l-4 ta' Ġunju 2021; partikolarment bl-emendi li daħlu permezz tal-Att XXVII tal-2018 u tal-Att XXIV tat-2021 li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021. Ġja` l-Att XXVII.2018 ġie ddikjarat konformi mal-Kostituzzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali in re: **Gerald Camilleri v l-Avukat Generali** deċiża fis-6 t'Ottubru 2020. Sussegwentement l-Att XXIV.2021 kompla tejjeb is-sitwazzjoni tas-sid. Illi għalhekk Erica Gialanze ma tistax tilmenta li qiegħdha tiġi mċaħħda mit-tgawdija tal-fond *de quo*.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li mhux leġittimu kontradittur.

(2) Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjeż a kariku tagħha.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA